



Brussell, 8 ta' Marzu 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0224(COD)

6692/21
ADD 1

CODEC 306
RECH 83
COMPET 147
IND 48
MI 131
EDUC 69
TELECOM 86
ENER 61
ENV 117
REGIO 32
AGRI 107
TRANS 110
SAN 103
CADREFIN 111
IA 30

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jstabilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru. 1290/2013 u (UE) Nru. 1291/2013 (l-ewwel qari) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet mill-Kunsill

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura l-akbar involviment tal-Kunsill, matul in-negozjati ta' ftehimiet li jassoċjaw pajjiżi terzi ma' programmi tal-Unjoni, inkluż il-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE. Għal dan il-għan, f'konformità mal-Artikolu 218(4) TFUE, il-Kunsill jista' jaħtar kumitat speċjali li f'konsultazzjoni miegħu jsiru n-negozjati, inkluż fir-rigward tat-tfassil u l-kontenut ta' tali ftehimiet.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fil-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, kif stipulat fit-tieni sentenza tal-artikolu 13(2) TUE, u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE dwar l-Artikolu 218(4) TFUE, li skontu l-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-kumitat speċjali bl-informazzjoni u d-dokumenti neċessarji kollha għall-monitoraġġ tal-progress tan-negozjati, bħal pereżempju, b'mod partikolari, l-għanijiet ġenerali mħabbra u l-pożizzjonijiet meħuda mill-partijiet l-oħra matul in-negozjati, fi żmien xieraq qabel il-laqgħat tan-negozjati, sabiex tippermetti l-formulazzjoni tal-opinjonijiet u pariri relatati man-negozjati¹.

Fejn diġà jeżistu ftehimiet li jassoċjaw pajjiżi terzi ma' programmi tal-Unjoni li jinkludu awtorizzazzjoni permanenti għall-Kummissjoni biex tiddetermina t-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi applikabbli għal kull pajjiż fir-rigward tal-parteciċipazzjoni tiegħu fi kwalunkwe programm partikolari, u fejn il-Kummissjoni hija assistita f'dan il-kompitu minn kumitat speċjali, il-Kunsill ifakkar li l-Kummissjoni għandha taġixxi f'konsultazzjoni ma' dak il-kumitat speċjali b'mod sistematiku matul il-proċess ta' negozjar, pereżempju billi tikkondividi abbozzi ta' testi qabel il-laqgħat mal-pajjiżi terzi rilevanti u billi tipprovdi briefings u debriefings regolari.

Fejn diġà jeżistu ftehimiet li jassoċjaw pajjiżi terzi ma' programmi tal-Unjoni iżda fejn ma jkun previst l-ebda kumitat speċjali, il-Kunsill iqis li l-Kummissjoni għandha b'mod simili tidħol f'dialogu mal-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu b'mod sistematiku matul il-proċess ta' negozjar meta jiġu ddeterminati t-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi għall-assoċjazzjoni ma' Orizzont Ewropa.

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-Artikolu 5

Il-Kunsill ifakkar li jirriżulta mill-Artikoli 179(3) u 182(1) TFUE, moqrija flimkien, li l-Unjoni tista' tadotta Programm Qafas pluriennali wieħed biss li jistabbilixxi l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku kollha tal-Unjoni. Il-Kunsill huwa għalhekk tal-fehma li l-Fond Ewropew għad-Difiża msemmi fl-Artikolu 1(2)(c) tar-Regolament li jistabbilixxi l-Programm Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka - Orizzont Ewropa, li jkopri kemm l-attivitajiet ta' riċerka kif ukoll ta' żvilupp teknoloġiku ta' dan il-Fond, huwa programm speċifiku li jimplementa l-Programm Qafas skont it-tifsira tal-Artikolu 182(3) TFUE u jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi dak il-Programm Qafas.

¹ Ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, C-425/13, EU:C:2015:483, punt 66.